SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - DIĊEMBRU 2019

**DATA: It-Tnejn, 16 ta' Diċembru 2019** **ĦIN: 5.30p.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fit-Tea Room, fi Ġnien is-Serenita'.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku Charmaine St John, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar, il-Kunsilliera: Kylie D'Amato u Liam Sciberras. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio u l-Assistenta tal-Uffiċċju, Angele' Marie Brincat flimkien ma' erba' residenti li laqgħu l-istedina tal-Kunsill għal din il-laqgħa.

Assenti: Il-Kunsillier Terrence Ellul bagħt e-mail fejn spjega li wara li nbidlet id-data tal-laqgħa ma kienx possibbli għalih li jattendi minħabba mpenji oħra. Is-Sindku qrat l-e-mail tas-Sur Ellul.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellmet lil dawk preżenti u tahom merħba, stqarret li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali.

## 2. Diskors mis-Sindku

Is-Sindku qrat diskors li qed jiġi anness ma' dawn il-minuti.

## 3. Estimi tad-Dħul u Nfieq tal-Kunsill għas-sena 2020

Is-Sindku ppreżentat l-estimi tal-Budget għas-sena 2020. Hija spjegat permezz ta' *power point presentation* li ttellgħet waqt li din il-laqgħa kif il-Kunsill qed jassumi d-dħul u l-ispejjeż kurrenti bi preparazzjoni għall-Budget. Hija qalet li l-ħlas fuq il-kuntratti għas-servizzi marbuta ma' l-indafa żdiedu drastikament.

## 4 Proġetti Kapitali

Is-Sindku tat rendikont tal-proġetti kapitali li ser ikun qed jiffoka fuqhom il-Kunsill fis-sena 2020.

## 5 KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### *5.1 Is-Sur Joe Attard*

Is-Sur Attard irrefera għas-sitwazzjoni tat-traffiku u qal li t-trejqa f'Wied Garnaw li bħalissa qed tintuża bħala ħruġ minn Triq Prinjoli għal fuq Triq Tarxien hija f'kundizzjoni ħażina ħafna u għandha bżonn li tingħata t-tarmak. Is-Sur Attard tkellem ukoll dwar nuqqas ta' ndafa b'mod partikulari fi Triq il-Ġnien. Huwa rringrazzja lil Kunsill u l-istaff tal-ħidma tagħhom.

### *5.1.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qalet li ilha ħafna tisħaq ma' Infrastructure Malta fuq din it-trejqa iżda s'issa għadhom ma għamlu xejn. Dwar l-indafa s-Sindku qalet li minn nofs Novembru 2019 il-Kunsill daħal f'kuntratt ġdid tal-knis u tindif ta' toroq. Hija qalet li issa ser ikun hawn żewġ kenniesa li jaħdmu mit-Tnejn sas-Sibt, sitt siegħat kuljum kull wieħed. Hija qalet li l-Kunsill ħareġ sejħa għal servizz ta' *contract manager* u bħalissa din is-sejħa qiegħda f'fażi ta' evalwazzjoni. Hija qalet li dan is-servizz ser jgħin biex ikun hemm moniteraġġ aħjar tas-servizzi mogħtija b'mod partikulari dwar żamma ta' ndafa u immaniġjar ta' skart.

### *5.2 Is-Sur Victor Pisani*

Is-Sur Pisani feraħ lill-Kunsill elett u qal li għall-ewwel darba il-Kunsill ta' Santa Luċija għandu Sindku mara. Huwa semma xi punti dwar l-estimi finanzjarji b'mod partikulari għal kuntratti li l-ispiża għalihom żdiedet drastikament. Huwa semma l-kuntratt tal-ġbir ta' skart ġoff u staqsa għala l-ispiża nvoluta żdiedet daqshekk għas-sena 2020.

### 5.2.1 *Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qalet li matul is-sena 2019 ħarġet sejħa għal kuntratt ġdid ta' ġbir ta' skart goff peress li l-kuntratt preċedenti kien skada. Hija qalet lir-rata minn €3.00 kull *call* vat inkluż, żdiedet għal €5.59 vat inkluż kull *call* , kważi d-dopju. Hija kompliet tgħid lin-nies li qed jużaw dan is-servizz żdiedu ukoll.

## 5. DISKORS TAL-GĦELUQ

Is-Sindku stiednet lill-membri tal-Kunsill biex jgħaddu l-messaġġ tagħhom lill-pubbliku preżenti għal din il-laqgħa.

Il-Kunsilliera, l-Viċi Sindku u s-Sindku għamlu diskors qasir tal-għeluq fejn awguraw lir-residenti xewqat sbieħ għall-festi tal-Milied u s-Sena l-Ġdida.

## 6. TMIEM

Il-laqgħa ntemmet fil-6.15p.m.

**IFFIRMAT**
**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum, il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2020**

**IFFIRMAT**
**Charmaine St John**
**Sindku**